# Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti, LL.M., LL.D.

**Att tal-Akkuza Nru. 3/2018**

**Ir-Repubblika Ta' Malta**

**Vs**

**Neville Abela**

Illum 1 t'Awwissu, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba Neville Abela, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 78486M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Bejn il-31 ta' Mejju, 2018 u t-3 ta' Gunju, 2018 minn gewwa l-fond bl-isem 'Fra Ben' sitwat fi Triq l-Skola, Marsa :

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, sar ghad-detriment ta' Bernardette Abela u / jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269 u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nhar it-3 ta' Gunju, 2018 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20.00hrs) gewwa l-fond bl-isem 'Fra Ben' sitwat fi Triq l- Iskola, Marsa :

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta'

Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u metaq ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju, 2018 skond il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex Neville Abela jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u jwiegeb ghal-ksur tal-Ordinanza Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tal-20 ta' Gunju, 2018 registrat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja fejn l-akkuzat allura imputat Neville Abela ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni;

Rat l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja kif registrata fil-verball tal-20 ta' Gunju 2018 li bih ai termini tal-artikolu 392B (1) tal-Kodici Kriminali, wara l-ammissjoni ordat li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali u li r-Registratur ta' din il-Qorti jkun notifikat b'din l-ammissjoni;

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Lulju, 2018 li biha ddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Neville Abela, prezentat seduta stante fl-udjenza tallum fit-termini tal-artikolu 293B(5)(a) tal-Kodici Kriminali fejn iddikjaraw illi qieghdin jaqblu u jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti timponi fuq il-hati Neville Abela ordni ta' probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tliet snin bil-htiega ta' kura ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga ai termini tal-artikolu 7(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien ma' ordni ta' hlas ta' danni ai termini tal-artikolu 24 tal-istess Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan oltre

kwalsiasi sanzjoni u / jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li rat l-artikoli 261(b)(c) u (e), 263, 267 u 269 tal-Kaptiolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u Taqsima IV u VI, artikolu 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 101 u regolament 9 u 16 tal-1939 (Regolamenti dwar il-Kontroll intern tad-droga perikoluza) (GN292/1939) Reg 9 tal-LS 101.02;

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-20 ta' Gunju, 2018, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, tiddikjara lil Neville Abela hati tat-tlett kapi ta' akkuzi migjuba kontra tieghu talli:

Bejn il-31 ta' Mejju, 2018 u t-3 ta' Gunju, 2018 minn gewwa l-fond bl-isem 'Fra Ben' sitwat fi Triq l-Skola, Marsa :

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, sar ghad-detriment ta' Bernardette Abela u / jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269 u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nhar it-3 ta' Gunju, 2018 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20.00hrs) gewwa l-fond bl-isem 'Fra Ben' sitwat fi Triq l- Iskola, Marsa :

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u metaq ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-

licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li qablet mar-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat dwar is-sanzjoni proposta;

Wara li rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat;

Tqieghed lill-akkuzat taht Ordni ta' Probation ghal tliet snin millum fit-termini tal-artikolu 7 u ordni ta' trattament dwar dipendenza mid-droga ai termini tal-artikolu 7 (5)(a) tal-Kap 446. Inoltre tordna lill-hati jirristitwixxi l-ammonta ta' Ewro 2,300 lil Bernardette Abela fi zmien

tliet snin millum ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car lill-hati l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**(ft) Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**